BIRGU
Citta' Vittoriosa

## Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


---

# Minuti tal-laqgha 31(06) kontinwazzjoni

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal Kontinwazzjoni tal-Laqgħa 31 (06) fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha, 23 ta' April 2014, fil-hamsa ta' filghaxija (05:00pm).

## Prezenti

Prezenti ghal Laqgha kien hemm is-Sindku, s-Sur John Boxall u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Il-Viċi Sindku, is-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsillier is-Sur Alan Cassar kienu skuzati.

Akkumpanjati mis-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

### Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Taghrif dwar progetti tal-Unjoni Ewropeja

1.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn tkellem dwar il-progett DECIDE, mibghut mis-Sur Mark Causon. Is-Sindku John Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill kien wera interess li jippartecipa f'dan il-progett u ssugerixxa ukoll li f'dan il-progett ghandha tkun involuta wkoll is-Sinjorina Moira Azzopardi. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni dwar dan.

1.2 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsill ukoll dwar korrispondenza minghand is-Sur George Grech mill-organizzazjoni MEMO (Malta European Mobility), fejn f'dan il-Progett ser inkunu qeghdin noffru *internship* lil dawn l-studenti barranin sabiex jiksbu esperjenza necessarja fid-dinja tax-xoghol kif ukoll nghinuhom jizviluppaw iktar gharfien dwar il-Lingwa internazzjonali, il-lingwa Ingliza. Dan il-progett se jdum tnax (12) –il gimgha fejn dawn l-istudenti ser ikunu qed jaghtu servizz lill-Kunsill Lokali Birgu minghajr ma jirrikjedu ebda spejjez lill-istess kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jippartecipa.

1.3 Is-Sindku, is-Sur John Boxall stieden lil kunsillier, is-Sur Anton Gellel sabiex huma t-tnejn jirraprezentaw lil Kunsill Lokali tal-Birgu f'Napli, fil-Konferenza tar-RETE, nhar is-26 ta' Gunju sat-28 ta' Gunju 2014. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsill dwar Progett interessanti bl-isem "Magical Europe" ppreparat minn Ilina Yakova fejn spjega li l-Kunsill ghandu jippartecipa u jissotometti l-applikazzjoni tieghu ghall-dan il-progett. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2. Taghrif dwar progetti ta' pavimentar fiz-zona tal-Collachio

2.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn spjega li x-xoghol fuq il-pavimentar miexi b'ritmu tajjeb hafna, fejn ir-residenti qeghdin jikkoperaw hafna.

2.2 Is-Sindku, is-Sur John Boxall kompla billi qal li kien hemm xi ilmenti min-naha ta' xi residenti li minhabba dawn ix-xoghlijiet thallew bla ilma. Dwar dan , is-Sindku John Boxall kellem lill-Perit Hermann Bonnici sabiex ix-xoghol jibqa ghaddej b'ritmu tajjeb minghajr iktar inkonvenjenzi ghar-residenti.

2.3 Is-Sindku is-Sur John Boxall, informa ukoll li kien hemm problema kbira tad-dranagg fi Triq Glormu Cassar u li b'dan kien informa kollox lil Perit responsabbli u s-sitwazzjoni bdiet gejja lura ghan-normal.

3. Approvazzjoni ghat-talba ta' Devoluzzjoni ta' propjeta tal-Gvern.

Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill id-devoluzzjoni ta' Propjeta tal-Gvern ta' kamra taht it-Torri ta' San Gakbu fejn kienet il-kamra fejn jintrefghu l-ghodda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

4. Sitwazzjoni fi Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur

Is-Sindku S-Sur John Boxall tkellem dwar din il-materja fejn qal li minhabba x-xoghlijiet li qed isiru issugerixxa li parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur ghandha tinghalaq. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 ta' wara filghaxija.

| | |
|---|---|
| Fiona Said | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |